MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' April, 2012

Numru. 18/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**Vs**

**Enrica Farrugia ta' 22 sena bint Carmelo Farrugia u Maria Theresa xebba Callus, imwielda il-Pieta` nhar it-8 ta' Frar, 1988 u residenti Nru. 42, Triq Samuel Taylor Coleridge Gzira u detentrici tal-karta ta' l-identita numru 76588(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputata li giet akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fis26 ta' Lulju 2010:

a) Kellha fil-pussess taghha d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal- Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma

kienitxx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort’ ohra awtorizzata li timmanifattura, jew tforni  d-droga ‘msemmija  u meta ma kienitx b’xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta’ Malta  li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija bi ksur tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emmendati u dan bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali ai Termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101);

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputata liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputata inghatat zmien xieraq sabiex tirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputata l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputata hatj tal-akkuza migjuba fil-konfront taghha.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 22 (1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02 issib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghha u b’applikazzjoni tal-artikolu 22 tal- Kapitolu 446

tal-Ligijiet ta’ Malta qed tillibera lill-imputata bil-kondizzjoni li hija ma tikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberta taht kondizzjoni.

Finalment il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni ta’ Dok  VA3.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------